# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 22/KA2/16

Data: 15 ta' Settembru 2016

Hin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti:
Albert Bonello Ghio – Ċermen
Michael La Rosa - Viċi Ċermen
Joseph Oliva - Membru
Maria Dolores Falzon - Membru
Richard Scicluna – Membru

Guido Dalli - Sindku
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar – Skrivana

Skużati: (0)

Assenti: (0)

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen;
4. Korrispondenza;
5. Sitwazzjoni tat-traffiku f'Paceville;
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Aġġornament.

**Minuti – *22/KA2/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 21/KA2/16 għall-approvazzjoni.

1.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Punti mqajma mill-Minuti**

2.01 Ma kienx hemm punti mqajma mill-Minuti.

**3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Il-Membri Joe Oliva u Maria Dolores Falzon ntalab spjegazzjoni għaliex qed jastjenu fil-pagamenti. Huma ddikjaraw li ma humiex kuntenti mix-xogħol li qed isir peress li fl-opinjoni tagħhom mhux qed isir xogħol sew u b'hekk mhux qed jieħdu responsabilita` tal-pagamenti.

3.02 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar l-proċess li sar fir-rigward l-ħofra li tinsab fi Triq Paceville.

3.03 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv li l-*Cleansing Services Directorate* ma humiex jnaddfu t-toroq kollha f'Paceville u lanqas jaħslu l-bins għalhekk ġie deċiż li tintbagħat ittra lis-Sur Ramon Deguara.

3.04 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li ssir proposta lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex issir *camera* fi Triq San Ġorġ kantuniera ma` Triq Gort.

3.05 Ġie deċiż unanimament li ħdejn il-Lombard Bank fi Triq Paceville titwaħħal tabella li fil-madwar hemm *camera*.

## 4 Korrispondenza

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P288 | Email mingħand l-Onorevoli Dr. Stefan Bountempo dwar il-laqgha li saret mieghu. |
| P328 | Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar problemi f'Paceville. |
| KA139 & P309 | Korrispondenza mal-Hilton Malta Portomaso b'talba għal tneħħija ta' parkeġġ. |
| P353 | Email mingħand Transport Malta dwar *Alighting/Boarding Bay* fi Triq Schreiber. |
| P359, P368 & KA155 | Korrispondenza dwar l-attendenza tal-Membru s-Sur Richard Scicluna. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. KA139 & P309**

4.02 B'riferenza għal-korrispondenza mal-Hilton Malta Portomaso b'talba għal tneħħija ta' parkeġġ ġie deċiż unanimament li ma jitneħħa l-ebda parkeġġ fl-area iżda għandu jmur is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Membru Joe Oliva fuq il-post sabiex tinstab soluzzjoni.

**Rif. Nru. P353**

4.03 B'riferenza għal-email mingħand Transport Malta dwar *Alighting/Boarding Bay* fi Triq Schreiber, ġie deċiż unanimament li l-Membru Joe Oliva u s-Segretarju Eżekuttiv imorru jiċċekjaw l-post.

**Rif. Nru. P359, P368 & KA155**

4.04 Saret riferenza għal-korrispondenza dwar l-attendenza tal-Membru s-Sur Richard Scicluna. Is-Sur Richard Scicluna nforma lill-Membri li ma setax jattendi għal-laqgħat minħabba s-saħħa tal-mara tiegħu. L-Membri Joe Olivia u Maria Dolores Falzon ddikjaraw li l-Kumitat hu post serju u li l-Membri ma jistgħux joqogħdu jirreżenjaw u jerġgħu jidħlu lura, għalhekk ġie ddikjarat li m'għandhomx fiduċja fil-Membru Richard Scicluna.

## 5 Sitwazzjoni tat-traffiku f'Paceville

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv, s-Sindku u ċ-Ċermen informa lill-Membri bl-eżitu tal-laqgħat li saru mal-Ministru L-Onorevoli Stefan Bountempo, l-Ministru l-Onorevoli Edward Zammit Lewis kif ukoll s-Sur Silvio Scerri tat-Transport Malta.

## 6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P432 sa nru. P449 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A')

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

7.02 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

7.03 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

7.04 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah

7.05 Il-pagamenti ġew approvati.

## 8. Aġġornament

8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 13 t'Ottubru 2016 fl-4.00p.m.

8.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: **13 t'Ottubru 2016**